

Brussell, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15452/23
PV CONS 55
RELEX 1319

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
13 u 14 ta' Novembru 2023

IT-TNEJN 13 TA' NOVEMBRU 2023

Kunsill Affarijiet Barranin bil-Ministri għall-Affarijiet Barranin

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 15066/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

15259/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

15260/23

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. Regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża



14501/23

Adozzjoni tal-att leġislattiv

PE-CONS 41/23

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8.11.2023

VISA

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att proposit għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punt (a), u l-Artikolu 79(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

2. Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-istiker tal-viża



14502/23

Adozzjoni tal-att leġislattiv

PE-CONS 45/23

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8.11.2023

VISA

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att proposit għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punt (a), u l-Artikolu 79(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, l-Irlanda ma ħaditx sehem fil-votazzjoni.

3. **Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**  14500/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 55/23
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-8.11.2023 PROCIV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 196 TFUE).

Agrikoltura

4. **Regolament biex in-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola (FADN) jiġi konvertit f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN)**  14670/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 53/23
approvat mill-KSA, fit-30.10.2023 AGRI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Sajd

5. **Regolament li jemenda diversi Regolamenti fir-rigward tal-kontroll tas-sajd**  14669/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + **ADD 1 COR 1**
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-8.11.2023 **(en)**
PE-CONS 38/23
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Finlandja u l-Italja jivvutaw kontra u l-Latvja u l-Portugall jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti
4. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
Skambju ta' fehmiet
5. Armenja/Ażerbajġan
Skambju ta' fehmiet
6. Is-sitwazzjoni f'Israel u fir-reġjun
Skambju ta' fehmiet
7. Id-dimensjoni tal-politika barranija tas-sigurtà ekonomika
Skambju ta' fehmiet
8. Affarijiet oħra

IT-TLIETA 14 TA' NOVEMBRU 2023

Kunsill Affarijiet Barranin bil-Ministri għad-Difiża

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

9. Ġrajjet kurrenti
10. Appoġġ tal-UE għall-Ukrajna
Skambju ta' fehmiet
11. Affarijiet oħra



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 15260/23

Dwar il-punt "A" **Regolament biex in-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà**
nru 4: **Agrikola (FADN) jiġi konvertit f'Network tad-Data dwar is-**
 Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN)
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tissottolinja li hija kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, il-punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jwieġeb għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola ta' prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Peress li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt b), ma jistax jidher sempliċement bħala setgħa diskrezzjonali tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għalhekk għandu jiġi ġġustifikat."

Dwar il-punt "A" **Regolament li jemenda diversi Regolamenti fir-rigward tal-kontroll tas-**
nru 5: **sajd**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tqis ir-regolament emendat dwar il-kontroll bħala strument importanti għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd. Rekwiżiti stretti ta' traċċabbiltà huma għodda essenzjali fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Għalhekk, l-Awstrija jiddispjaċiha li r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għall-prodotti pproċessati ser jiġu implimentati biss wara perjodu twil ta' tranżizzjoni permezz ta' att delegat."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tappoġġa l-oġettiv ta' kontroll effettiv li jikkontribwixxi għal attivitajiet sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura li joħolqu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjegi.

Fl-istess ħin, id-Danimarka tisħaq li l-użu tat-teknoloġija moderna fil-kontroll tas-sajd għandu jappoġġa l-ġestjoni sostenibbli u jiżgura regolamentazzjoni aħjar, inkluż aktar flessibbiltà għas-sajjieda, pereżempju fl-għażla u l-iżvilupp tal-irkapti tagħhom.

Id-Danimarka tisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu adottati biss regoli li s-sajjieda jistgħu raġonevolment ikunu kapaċi jikkonformaw magħhom. Id-Danimarka jiddispjaċiha li dan l-oġettiv ma ntlaħaqx fir-rigward tar-regoli dwar il-marġni ta' tolleranza (MOT) għal stimuli li għandhom jiġu reġistrati fil-ġurnal ta' abbord dwar qabdiet ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u speċijiet industrijali miżmuma abbord friski u mhux magħżula bl-ingrossa. Fl-opinjoni tagħna, huma l-proċeduri effiċjenti tal-użin ma' ħatt l-art li jiżguraw ġestjoni solida tal-kwoti, mhux l-istimi fil-ġurnal ta' abbord. Partijiet mill-flotta pelaġika Daniża bdew proġett bis-CCTV u bis-sehem ta' sajjieda f'dan il-proġett u inizjattivi oħra bħall-proġett tas-CCTV f'Katteġat biex jiġi promoss l-użu tat-teknoloġija moderna. Id-Danimarka tqis li huma għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn aktar flessibbiltà fl-MOT, u jiddispjaċiha li dan mhuwiex parti mit-test ta' kompromess finali.

Barra minn hekk, id-Danimarka tqis li hija ħasra li l-kontribut tagħna fil-proċess ta' reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE ma tqiesx biżżejjed."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tqis li l-għan ġenerali li tinġabar data dwar is-sajd b'mod elettroniku huwa d-direzzjoni t-tajba u jtejjeb il-kontroll operazzjonali. Madankollu, l-Estonja għadha inċerta dwar xi wħud mill-aspetti tal-ftehim, u tistaqsi speċifikament dwar il-proporzjonalità ta' xi wħud mill-miżuri.

Fil-fehma tagħna diversi dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kontroll fuq il-flotta fuq skala żgħira ser ikollhom domanda sproporzjonatament għolja għar-riżorsi meta mqabbla mal-effett li l-flotta jkollha fuq l-istokkijiet tal-ħut. L-Estonja temmen bis-sħiħ li għalkemm hemm progress fil-governanza elettronika, it-teknoloġija u l-IA, l-amministrazzjonijiet xorta ser jaħdmu b'riżorsi limitati. Għalhekk, huwa ċar li l-prijoritizzazzjoni hija meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-aktar kwistjonijiet urġenti u b'dan, biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut. Waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet li nqisu sproporzjonata hija l-obbligu li jibdew jiġu ttraċċati l-bastimenti kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom. L-esperjenza interna tagħna s'issa turi li l-implimentazzjoni ta' miżura bħal din mhijiex mingħajr problemi. Naturalment, is-soluzzjoni tagħhom hija possibbli, iżda teħtieġ riżorsi li jistgħu jintużaw aħjar fl-issikkar tal-kontroll fuq segmenti li għandhom impatt akbar fuq l-istokkijiet tal-ħut.

Minbarra l-piż fuq l-amministrazzjoni, xi wħud mid-dispożizzjonijiet il-ġodda ser ikunu diffiċli għas-sajjieda biex jimplimentawhom fil-prattika tagħhom ta' kuljum. Ninsabu inkwetati ħafna dwar l-obbligu l-ġdid għall-flotta fuq skala żgħira li tissottometti d-data tal-ġurnal ta' abbord qabel ħatt l-art. Meta jingħadd flimkien mar-regoli dwar il-marġini ta' tolleranza, x'aktarx li jkun problematiku ħafna għas-sajjieda ta' bastimenti żgħar (eż. inqas minn 8 m) li jneħħu l-qabda mill-irkaptu, jagħżluha skont l-ispeċi u jivvalutaw l-ammonti bi preċiżjoni biżżejjed, dejjem waqt li jkunu għandhom f'dgħajsa żgħira."

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

"Il-Finlandja tqis li l-kontroll effettiv u kosteffettiv tas-sajd huwa parti meħtieġa u importanti tal-Politika Komuni tas-Sajd, li għandha l-għan li tiżgura s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut. Madankollu, l-ispejjeż tal-kontroll għandhom ikunu proporzjonali għall-benefiċċji verifikabbli tal-kontroll, u l-kostijiet għandhom jiġu kkunsidrati mill-perspettiva tat-tipi differenti ta' sajd u gruppi ta' sajjieda sabiex ir-rekwiżiti ta' kontroll ma jsirux irraġonevoli għas-sajjieda u l-awtoritajiet.

Il-Finlandja tilqa' l-bidliet pożittivi li saru għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni matul in-negożjati. Madankollu, ir-riżultat miksub ma jikkorrispondix mal-oġettivi tal-Finlandja għan-negożjati u l-Finlandja ma tistax tappoġġah. B'mod partikolari, l-obbligi ta' monitoraġġ għal bastimenti żgħar mhumieks irraġonevoli u mhumieks meħtieġa.

Il-Finlandja hija mħassba dwar l-obbligi relatati mal-marġni ta' tolleranza permess bejn l-istima tal-ammonti ta' qabdiet u l-qabdiet miżuna. Huwa tajjeb li, fil-każ ta' sajd pelaġiku mhux magħżul, it-tolleranza ta' 10 % tista' tiġi kkalkulata skont l-ispeċi b'mod proporzjonali għall-qabda totali. Madankollu, l-użu ta' din id-deroga ma għandux jiġi pperikolat minn obbligi ta' kontroll eċċessiv li jillimitaw ħatt l-art għal għadd limitat ta' portijiet.

Barra minn hekk, il-Finlandja tqis li l-kontroll tas-sajd rikreattiv u s-sanzjonijiet għall-ksur huma esaġerati. Huwa partikolarment diffiċli li jiġi aċċettat li l-bejgħ tal-qabdiet mis-sajd rikreattiv jitqies bħala ksur serju b'limitu baxx ħafna.

L-eżitu tan-negozjati ma jqisx biżżejjed il-fatt li s-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati huma differenti ħafna f'żoni tal-baħar differenti, kemm kummerċjali kif ukoll rikreattiv. Il-Finlandja hija diżappuntata ħafna li artikolu dwar ir-reġjonalizzazzjoni mhuwiex inkluż fir-regolament, peress li huwa prinċipju bażiku aċċettat tal-PKS."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"Ir-reviżjoni tar-regoli Ewropej dwar is-sistema tal-kontrolli tas-sajd nibtet mill-ħtieġa għas-simplifikazzjoni msemija fil-konklużjonijiet ta' rapport mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (ir-Regolament dwar il-Kontroll). Skont ir-rapport, ir-Regolament dwar il-Kontrolli kien diffiċli għall-operaturi biex jifhem u kien diffiċli għall-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll biex jimplimentawh. Fl-2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament emendatorju (COM(2018) 368 final), li dehret li tmur eżattament fid-direzzjoni opposta.

Sa mill-pubblikazzjoni tagħha, l-Italja kienet involuta b'mod attiv fin-negozjati u għamlet bosta proposti għal emendi biex ittejjeb it-test u tagħmlu aktar komprensibbli u fattibbli.

Uħud mill-proposti ġew aċċettati, iżda l-biċċa l-kbira ġew irrifjutati.

B'mod partikolari, l-Italja talbet għal miżuri li jistgħu jkunu alternattivi għall-installazzjoni ta' kameras abbord bastimenti tas-sajd għall-kontroll tal-obbligu ta' ħatt l-art, bħall-użu ta' osservaturi ta' kontroll. Hija opponiet ukoll spezzjonijiet fit-territorju nazzjonali minn spetturi minn Stati Membri oħra, li jdgħajef is-sovranià tal-istat. Lanqas ma għandna ninsew l-oppożizzjoni tal-Italja għar-regoli l-ġodda dwar is-sajd rikreattiv, li jgħolqu piż amministrattiv tqil ħafna għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u bidliet kontinwi fil-miżuri tal-marġni ta' tolleranza.

M'hemmx dubju li t-test attwali huwa aħjar mit-test oriġinali, iżda għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Italja tikkonferma l-**vot kontra** tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Il-Portugall jirrikonoxxi l-importanza u l-ħtieġa tar-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd, li hija għodda essenzjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu sostenibbli fit-tul.

Il-Portugall huwa tal-fehma li b'mod ġenerali l-kompromess jaqbel sew mal-isfidi li s-settur tas-sajd qed jiffaċċa bħalissa u jikkostitwixxi titjib sinifikanti meta mqabbel mal-miżuri eżistenti.

Madankollu, il-Portugall jiddispaċih li r-regoli l-ġodda dwar il-marġni ta' tolleranza għall-qabdiet ta' speċijiet pelaġiċi żgħar mhumix adattati għar-realtà tal-attivitajiet tas-sajd.

Matul il-proċess tan-negozjati, il-Portugall indika b'mod konsistenti li dawn il-miżuri mhumix prattikabbli għas-settur, minħabba n-natura tas-sajd pelaġiku żgħir.

F'dan il-kuntest, minħabba d-diffikultà li r-regoli l-ġodda dwar il-marġni ta' tolleranza ser jgħolqu għall-attività ta' kuljum tal-flotot nazzjonali, il-Portugall jastjeni."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar is-sistema ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd hija importanti u meħtieġa sabiex jinkiseb approċċ uniformi għall-iżgurar tal-kontroll tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, biex b'hekk jiġu ppreservati l-ambjent tal-baħar u l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tas-sajd, b'mod partikolari billi jitqiesu l-bidliet globali li jaffettwaw is-sajd Ewropew.

Ir-Repubblika tas-Slovenja tilqa' l-fatt li r-Regolament li jemenda diversi Regolamenti dwar il-kontroll tas-sajd iqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' setturi iżgħar tas-sajd, is-sajd kostali fuq skala żgħira kif ukoll is-sajd Sloven. Dan huwa rifless fil-proposta kif adottata l-aħħar fit-trilogu, u huwa għalhekk li s-Slovenja tappoġġa t-test ta' kompromess finali.

Madankollu, aħna nibqgħu mħassba dwar il-perjodu tranżitorju iqsar ta' sentejn biss għall-introduzzjoni ta' sistemi elettroniċi (ġurnali ta' abbord elettroniċi u dikjarazzjonijiet ta' ħatt l-art) għal bastimenti ta' tul ta' bejn 12 u 15-il metru, peress li dan jista' jwassal għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni u inqas kosteffiċjenza.

Nibqgħu mħassba wkoll dwar il-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi addizzjonali li tista' ġġib magħha l-introduzzjoni obbligatorja tat-traċċabbiltà diġitali għall-prodotti tas-sajd għall-operaturi li huma intrapriżi mikro u żgħar."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 (Dħul fis-seħħ/data ta' applikazzjoni)

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament li se japplikaw fid-dati ta' applikazzjoni stabbiliti fir-Regolament.

Il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex tadotta dawk l-atti fi żmien suffiċjenti qabel id-dati li fihom suppost isiru applikabbli.

Meta tħejji tali atti, il-Kummissjoni se tirrieżamina r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 fid-dawl ta' dan ir-Regolament u ta' kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew att delegat adottat u se tħassar dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 li huma sostitwiti b'dan ir-Regolament jew bi kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew att delegat."

Dikjarazzjoni dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward tad-derogi mir-regoli dwar il-marġni ta' tolleranza

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprovdi aktar dettall fir-rigward tal-kontenut tal-att leġislattiv sabiex jiġi żgurat li jiġi implimentat b'kundizzjonijiet uniformi fl-Istati Membri kollha b'mod partikolari fir-rigward tad-deżinjazzjoni tal-portijiet u l-faċilitajiet għall-ħatt l-art u l-użin tal-qabdiel mhux magħżula ġejjin mis-sajd pelaġiku żgħir, mis-sajd industrijali u mis-sajd għat-tonn tropikali bit-tartarun tal-borża, li jippermetti li wieħed jibbenefika minn derogi mir-regoli dwar il-marġni ta' tolleranza sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

Il-Kummissjoni se tibda taħdem fuq l-abbozz tar-regolament ta' implimentazzjoni abbażi tal-oġettivi u r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet rilevanti immedjatament wara li jintlaħaq il-qbil politiku dwar ir-Regolament ta' Kontroll mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Kontroll, il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex mingħajr dewmien tippreżenta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura għall-opinjoni tiegħu bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni qabel id-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-marġni ta' tolleranza, jiġifieri fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar ir-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE."

Dikjarazzjoni dwar ir-regoli l-ġodda ta' kontroll u l-kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi

"F'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni se tippromwovi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni vis-à-vis operaturi ta' pajjiżi terzi, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali, fir-rigward tar-regoli l-ġodda ta' kontroll li se jiġu implimentati skont is-sistema riveduta ta' kontroll tas-sajd, bħall-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod u l-kontroll tas-sajd fuq skala żgħira u rikreattiv. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tippromwovi u tappoġġa, fl-isferi internazzjonali kollha, l-azzjoni meħtieġa biex jinqered is-sajd IUU."

Dikjarazzjoni dwar l-implikazzjonijiet fuq ir-riżorsi tal-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar ir-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim finali li ntlaħaq dwar ir-reviżjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE, b'mod partikolari dwar ir-rappurtar elettroniku tal-qabdiet u dwar it-traċċar għal bastimenti fuq skala żgħira, dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-qabdiet mis-sajjieda rikreattivi, dwar it-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, iżda wkoll dwar ir-rapporti annwali u dwar il-ħtieġa li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni u atti delegati, inkluż dwar il-marġni ta' tolleranza, evolva b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni (COM(2018)368 final tat-30.05.2018).

Il-Ftehim iżid b'mod sostanzjali l-għadd ta' kompiti u obbligi għall-Kummissjoni u l-ammont ta' xogħol assoċjat, kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul, jiġifieri lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Dawn jinkludu l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u ta' atti delegati, li l-Kummissjoni minflok kienet ipproponiet li jiġu inklużi fl-att bażiku, it-twettiq ta' studju ta' fattibbiltà dwar it-traċċabbiltà ta' prodotti ppreparati u ppreservati, l-iżvilupp, l-użu u l-manutenzjoni u t-titjib futuri ta' għodod tal-IT uniformi għas-sajd fuq skala żgħira u għas-sajd rikreattiv, flimkien ma' diversi kompilazzjonijiet ta' rapporti annwali li għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Dan għandu impatt dirett fuq ir-riżorsi stmati meħtieġa għas-servizzi tal-Kummissjoni, li ma kienx antiċipat meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha."